MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2010

Numru 702/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**

**vs**

**Josef (Joseph) Sharfid**
**Alexander Anthony Gialanze Whiteford**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Alexander Anthony Gialanze Whiteford ta' 22 sena, iben Alexander Frame Whiteford u Carmen nee' Gialanze, imwieled l-Ingilterra fid-29 ta' Novembru 1982 u residenti nru. 8, Emly, Triq il-Kuncizzjoni, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita' numru 44501L u l-imputat Josef(Joseph) Sharfid ta' 30 sena, iben il-mejjet Mohammed u Maria Dolores nee' Mangion, imwieled Pieta' fid-9 ta' Awwissu 1975 u residenti nru. 111, Flat 3

Triq id-Dejqa, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' numru 392375(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

Fil-11 ta' April, 2005 u/jew fil-jiem ta' qabel, mill-fond nru. 189, Triq id-Duluri, Pieta':

1. ikkommettew serq ta' kwantita' ta' films diversi fuq DVDs, zewg kompjuters u ammont sostanzjali ta' flus kontanti kif ukoll cekkijiet, fost affarijiet ohra, ghad-dannu tas-socjeta' JNJ Imports Ltd., liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbez l-elf lira Maltin u bil-hin;

2. Volontarjament, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin izda izjed minn hamsin lira Maltin ghad-dannu ta' l-istess socjeta' u/jew ta' ohrajn;

3. Xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq, jew akkwistati b' reat, jew xjentement, b' kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

4. Saru recidivi, ai termini ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

5. Fl-ahharnett, Josef (Joseph) Sharfid wahdu akkuzat ukoll talli fl-istess, data/i, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 (dak li qabel kien Artikolu 5 tal-Kap. 152) li kien gie mpost fuqu b' sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Novembru, 2002, liema sentenza saret definittiva.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 3 ta' Mejju 2007 (esebita a fol. 137 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

FIL-KONFRONT TA' ALEXANDER ANTHONY GIALANZE WHITEFORD ;

(a) fl-artikoli 18, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikoli 18 u 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikoli 18 u 334 tal-Kodici Kriminali ;
(d) fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali ;
(e) fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali ;

<u>FIL-KONFRONT TA' JOSEF(JOSEPH) SHARFID ;</u>
(a) fl-artikoli 18, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikoli 18 u 325(1) (b) tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikoli 18 u 334 tal-Kodici Kriminali ;
(d) fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali ;
(e) fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali ;
(f) fl-artikoli 21, 22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-24 ta' April 2008, l-imputati Josef (Joseph) Sharfid u Alexander Anthony Gialanze Whiteford iddikjaraw li m' ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serqa li saret fil-11 ta April 2005 jew fil-jiem ta' qabel mill-fond 189, Triq id-Duluri, Pieta'. Mill-provi fil-fatt irrizulta li fil-11 ta' April 2005 certu Publius Farrugia irraporta li kien ghadu kemm sab l-imsemmi fond li huwa l-business premises li jintuzaw minnu u minn ibnu li jiggestixxu l-kumpanija Engineering and Technology Limited u minn J and J Imports Limited, sgassat. Dan irraporta wkoll li kien sab xi taqlib u nstabu neqsin elfejn u mitejn DVD originali kif ukoll zewg boroz kontenenti Lm5000 kontanti u Lm1500 f'cekkijiet, Playstation2 u xi dokumenti personali. Publius Farrugia u ibnu Jean Karl Farrugia qalu lil Puliziija li huma kienu hallew il-post intatt is-Sibt 9 ta' April 2005 meta kienu ghalqu l-ufficju ghal-habta ta' 12.00pm u ndikaw li kellhom suspett f'Andy Gialanze Whiteford li kien ghamel xi zmien jahdem

maghhom u Jean Karl Farrugia informa lil Pulizija li kien inghata nformazzjoni kunfidenzjali li l-imsemmi Whiteford kien ftahar hdejn id-Detox li kien ghamel serqa kbira u kien qed jipprova jakkwista vann sabiex igorr xi affarijiet. Meta l-imputat Whiteford gie arrestat fit-12 ta' April 2005 huwa nnega l-involviment tieghu fis-serqa izda ma provdiex alibi u meta saret tfittxija fir-residenza tieghu ma nstab xejn. Fit-13 ta' April 2005 instabet bagalja hdejn l-Isptar St. Philips fejn instabu xi dokumenti appartenenti lil Jean Karl Farrugia u liema dokumenti kienu ittiehdu fis-serqa li tifforma l-mertu tal-kaz odjern. Fis-16 ta' April 2005, li kien is-Sibt kienet dahlet telefonata fil-control room tad-Depot fejn inghad li fil-Movies DVD Rental li jinsab fi Triq San Guzepp, Hamrun kien hemm tnejn min-nies suspettuzi li kienu qed jippruvaw ibieghu kaxxa DVD's ghall-prezz ta' Lm220. Meta l-Pulizija marru fuq il-post il-hanut kien maghluq izda gewwa kien hemm Anna Azzopardi, mart sid il-hanut, kif ukoll impjegat Carl Camilleri. Carl Camilleri qal lil Pulizija li dakinhar kien mar persuna li ma jafux u halla kaxxa tal-kartun bid-DVD's u qallu sabiex jghid lill-imghallem tieghu li dawn kienu ghall-bejgh ghall-prezz ta' Lm220 u li kellu jghaddi t-Tnejn ta' wara ghall-flus. Din il-kaxxa li kellha 74 DVD u li kienet ghadha bil-marka tal-J and J Imports giet elevata mill-Pulizija u sussegwentement giet esebita in atti waqt l-udjenza tal-5 ta' Dicembru 2006 u hija mmarkata bhala Dok. JJ2, fejn Jean Karl Farrugia (a fol. 32 sa 34) identifika l-kaxxa u d-DVD's bhala dawk li nsterqu mill-ufficcju tieghu. Carl Camilleri nforma lil Pulizija li huwa kien accetta li jzomm il-kaxxa sabiex jinforma lil sid il-hanut John Azzopardi dwarha. John u Anna Azzopardi it-tnejn infurmaw lil Pulizija li ma kienu jafu xejn dwar din il-kaxxa. It-Tnejn ta' wara, u cioe' fit-18 ta' April 2005, ghall-habta tal-11.30am il-Pulizija rceviet telefonata minghand John Azzopardi li nforma lil Pulizija li wahda mill-persuni li kienu hadulu d-DVD's kienet dahlet fil-hanut u giet ghall-flus. Il-Pulizija marret fuq il-post u arrestat lill-imputat Josef Sharfid u dan gie identifikat minn Carl Camilleri u Anna Azopardi bhala wiehed mill-persuni li s-Sibt ta' qabel kien mar bil-kaxxa tad-DVD's. Josef Sharfid qal lil Pulizija li huwa kien mar f'dak il-hanut sabiex jikri DVD. Meta saru tfittxijiet fir-residenzi tal-imputat Josef Sharfid ma nstab

xejn konness mas-serqa in dizamina. Fil-21 ta' April 2005 il-Pulizija rceviet informazzjoni minghand il-propjetarju tal-One Stop DVD Shop f'San Pawl il-Bahar, certu Frank Agius, fejn dan qal li kien mar ragel ibieghlu xi Dvd's u huwa dehrlu li dan il-bniedem kien suspettuz u indika li dan ir-ragel kien qed isuq Jeep bin-numru tar-registrazzjoni GBD 697. Minn aktar investigazzjonijiet irrizulta lil Pulizija li din il-vettura kienet registrata f'isem Helen Cardona u meta din giet mitkellma mill-Pulizija qaltihom li l-vettura in kwistjoni kienet tintuza minn binha Sandro Cardona. Dan tal-ahhar meta gie nterrogat mill-Pulizija ammetta li kien mar ibiegh xi DVDS's fl-imsemmi hanut f'San Pawl il-Bahar u mbaghad ha lil Pulizija f'ghalqa fil-limiti ta' l-Iklin fejn taht sigra kienet instabet kaxxa tal-kartun bi 88 DVD u b'video (din il-kaxxa hija mmarkata bhala Dok. JJ1). Huwa qal lil Pulizija li kien xtara dawn id-dvd's ghall-prezz ta' Lm2 l-wiehed minghand l-imputati Josef Sharfid u Andy Whiteford mill-fond fi Strada Stretta, l-Belt fejn il-Pulizija xi jiem qabel kienet ghamlet tfitxija meta kienet qed tinvestiga lil Sharfid.

L-imputati Alexander Anthony Gialanze Whiteford u Josef Sharfid it-tnejn irrilaxxjaw stqarrijiet (esebiti a fol. 58 sa 73) fejn innegaw l-involviment taghhom fis-serqa. L-imputat Josef Sharfid qal li huwa kien mar fil-hanut Movie Rentals it-Tnejn 18 ta' April 2005 sabiex jikri DVD u nnega li kien mar hemm fis-16 ta April 2005 akkompanjat ma persuna ohra fejn halla kaxxa bid-DVD's. Huwa cahad ukoll li kien biegh xi DVD's lil Sandro Cardona.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri xehed l-espert Martin Bajada (xhieda relattiva inserita a fol. 92 u 93 tal-process) li gie nominat fl-atti tal-inkjesta magisterjali u n-nomina tieghu giet debitament konfermata minn din il-Qorti fil-proceduri odjerni fejn huwa indika il-valur kumplessiv tad- DVD's fiz-zewg kaxxi mmarkati bhala JJ1 u JJ2 bhala Lm1,115. Xehdet ukoll Anna Azzopardi, mart il-propjetarju tal-hanut Movies (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 94 sa 96 tal-process) fejn din gharfet liz-zewg imputati bhala

t-tnejn min-nies li kienu dahlu fil-hanut taghhom u hallew kaxxa DVD's li hija indikat bhala l-kaxxa mmarkata bhala Dok. JJ2 u dawn kellmu lill-impjegat Carl Camilleri staqsewh ghall-imghallem u hallew il-kaxxa mieghu. Hija qalet li wara xi kwarta jew ghoxrin minuta marru l-Pulizija fil-hanut. F'dawn il-proceduri xehed ukoll l-imsemmi impjegat Carl Camilleri (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 96 u 97 tal-process) li wkoll identifika liz-zewg imputati bhala t-tnjen min-nies li gurnata li kienet is-Sibt, f'April 2005 kienu dahlu fil-hanut Movies fejn huwa kien jahdem u fejn dawn staqsew ghall-imghallem li dakinhar ma kienx hemm ghaliex kien ma jiflahx u dawn hallew kaxxa bid-DVD's u qalu li kienu ser jirritornaw it-Tnejn ta' wara meta jkun hemm l-imghallem. Dan ix-xhud qal ukoll li huwa kien prezenti fil-hanut it-Tnejn ta' wara meta gie l-imputat Josef Sharfid u imbaghad gew il-Pulizija. Huwa gharaf il-kaxxa mmarkata bhala Dok. JJ2 bhala l-kaxxa li kienu hadu l-imputati fil-gurnata minnu ndikata. Fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2007 xehed ukoll Alexander Cardona li kkonferma dak li kien qal lil Pulizija meta huwa kien gie nterrogat in konnessjoni ma dan il-kaz fejn qal li kien xtara id-DVD's minghand l-imputati Josef Sharfid u Andy Whiteford u qal li dan tal-ahhar kien qallu li d-DVD's kienu misruqin.

Ikkunsidrat:

Illi wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li z-zewg imputati kellhom il-pussess tad-DVD's misruqin ftit tal-jiem biss wara li dawn fil-fatt insterqu mill-fond propjeta' ta' J & J Imports Limited fi Triq id-Duluri, Pieta'. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda ta' Anna Azzopardi, kif ukoll minn dik ta' Carl Camilleri u Alexander Cardona. Kif intqal fil-paragrafu precedenti fil-fatt kemm Anna Azzopardi kif ukoll Carl Camilleri t-tnejn identifikaw liz-zewg imputati bhala l-persuni li kienu hallew il-kaxxa bid-DVD's (Dok. JJ2) u huma wkoll gharfu l-kaxxa tad-DVD's innifisha. Carl Camilleri inoltre identifika lill-imputat Josef Sharfid bhala l-persuna li kien rega' mar wara jumejn sabiex jigbor il-flus ghal kaxxa DVD's. Alexander

Cardona wkoll gharaf lill-imputat Josef Sharfid bhala l-persuna li minghandu kien xtara d-DVD’s misruqin (Dok. JJ1) u spjega wkoll li huwa kien xtara dawn id-DVD’s minghand iz-zewg imputati li kienu ndikawlu li dawn kienu misruqin. F’dan il-kaz il-Qorti jidrilha li hemm bizzejjed indizji sabiex tirrizulta r-reita’ in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni migjuba fil-konfronti taz-zewg imputati izda mhux l-imputazzjonijiet ta’ serq u hsara volontarja. Iz-zewg imputati sejrin ghalhekk jinstabu hatja tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti taghhom.

Iz-zewg imputati gew akkuzati wkoll li saru recidivi u f’dawn il-proceduri gew prezentati s-sentenzi relattivi (esebiti a fol. 74 sa 89) u saret id-debita prova tal-identita’. L-imputat Josef Sharfid gie akkuzat ukoll li kiser il-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Kap. 448 impost fuqu permezz ta’ sentenza tas-7 ta’ Novembru 2002 u din is-sentenza wkoll giet debitament esebita (a fol. 80 sa 89). Ir-raba’ u l-hames akkuza ghalhekk ukoll jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal finijiet ta’ piena in kwantu jirrigwarda z-zewg imputati l-Qorti rat li mill-fedini penali rispettivi taghhom jirrizulta li huma t-tnejn kisru duffrejhom mal-gustizzja f’sensiela ta’ okkazzjonijiet u ghalkemm huma inghataw l-opportunita’ minn dawn il-Qrati sabiex jirriformaw ruhhom huma naqsu milli jaghmlu dan. Il-Qorti wkoll innutat in-nuqqas ta’ ko-operazzjoni assoluta da parti taghhom fil-kors tal-investigazzjonijiet u ghalhekk jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva vicin il-massimu permissibbli mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi imsemmija mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-3 ta’ Mejju 2007 b’mod partikolari l-Artikoli 17,18, 334, 49, 50 u 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,  l-Qorti ssib lill-imputat Alexander Anthony Gialanze Whiteford hati tat-tielet u r-raba’ akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erba’ (4). snin prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Whiteford mhux hati tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Wara li rat l-Artikoli tal-ligi msemmija mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-3 ta’ Mejju 2007 b’mod partikolari l-Artikoli 17,18, 334, 49, 50 u 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikoli 21, 22 u 23 tal-Kap. 446 il-Qorti ssib lill-imputat Josef Sharfid hati tat-tielet, ir-raba’ u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erba’ (4) snin prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Sharfid mhux hati tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputati Alexander Anthony Gialanze Whiteford u Josef Sharfid sabiex fi zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba ihallsu lir-Registratur tal-Qorti in kwantu ghal nofs kull wiehed l-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ Lm312.45 liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------